# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 t'April, 2001**

**Numru 11**

**Cit. Nru. 53/01 GCD**

**Macpherson Mediterranean Limited**

**Vs**

**Dieter Fenech f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' Best Western Les Lapins**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici bieghet u kkonsenjat lill-konvenut proprio et nomine merkanzija;

Illi l-bilanc tal-prezz dovut ghal din il-merkanzija jammonta ghal elf, sitt mija u sitta u disghin liri Maltin u sebghin centezmu (Lm1,696.70);

Illi ghalhekk il-konvenut proprio et nomine huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elf, sitt mija u sitta u disghin liri Maltin u sebghin centezmu (Lm1,696.70);

Illi avolja interpellat diversi drabi biex ihallas, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi dan id-debitu tal-konvenut proprio et nomine fil-konfront tas-socjeta` attrici huwa cert, likwidu u skadut kif is-socjeta` attrici tikkonferma permezz tad-dikjarazzjoni guramentata annessa mac-citazzjoni ai termini ta' l-artiklu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-fehma tas-socjeta` attrici l-konvenut proprio et nomine m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm1,696.70;

2. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini ta' l-art. 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-interessi legali u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid u ta' sekwestru pprezentati kontestwalment mac-citazzjoni kontra l-konvenut proprio et nomine.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Andrew Magri Overend u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat in-nota li biha l-attrici cediet is-sorte u zammet it-talba ghall-ispejjez.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenuti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez tal-kawza.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm